Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

97, Triq Santa Marija,
Ħal Tarxien, TXN 1708
27040492 Kunsill Reġjonali Port

Laqgħa Reġjun Port - Nu 48/2025 tar-Raba' Amministrazzjoni

Data: It-Tlieta, 17 ta' Ġunju 2025

Ħin: 17:30

Bdiet: 18:45

Post: Uffiċju Amministrattiv Reġjun Port, 97 Santa Marija Street, Tarxien

Chev Paul Farrugia	President	Reġjun Port	Preżenti
Is-Sur Marco Agius	Sindku	Kunsill Lokali Bormla	Skużat
Sur John Boxall	Sindku	Kunsill Lokali Birgu	Preżenti
Sur Clayton Portelli Cascun	Sindku	Kunsill Lokali Fgura	Preżenti
Sur Nigel Holland	Sindku	Kunsill Lokali Floriana	Preżenti
Sur Clive Pulis	Sindku	Kunsill Lokali Isla	Skużat
Sur Wayne Aquilina	Sindku	Kunsill Lokali Kalkara	Preżenti
Sur Jason Silvio	Sindku	Kunsill Lokali Paola	Skużat
Sur Joseph Abela Galea	Sindku	Kunsill Lokali Tarxien	Preżenti
Sur Olaf McKay	Sindku	Kunsill Lokali Valletta	Skużat
Sur Neil Attard	Sindku	Kunsill Lokali Xgħajra	Skużat
Sur Jorge Grech	Sindku	Kunsill Lokali Zabbar	Skużat
Sa Lianne Cassar	Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv	Reġjun Port	Preżenti

48. 1 Ittri ta' Apoloġija

48.1.1 Il-President semma li s-Sur Jorge Grech, is-Sur Marco Agius, Is-Sur Clive Pulis, Is-Sur Jason Silvio, Is-Sur Olaf McKay, is-Sur Neil Attard u s-Sur Jorge Grech talbu li jkunu skużati għal din il-laqgħa peress li kellhom impenji personali. Fuq proposta tal-President, issekondata mis-Sur John Boxall, il-Kumitat qabel sabiex ikunu skużati mil-laqgħa.

48.2 Qari u Approvazzjoni tal-Minuti Laqgħa Nu.47

48.2.1 Il-President ippreżenta l-minuti tal-Laqgħa Nu. 47 hekk kif mibgħutha mis-Segretarju Eżekuttiv. Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur John Boxall, il-Kumitat approva l-minuti hekk kif preżentati.

48.3 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni ta l-iskeda ta' pagamenti Nru 42

48.3.1 Fuq proposta tal-President li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Abela Galea u s-Sur Clayton Portelli Cascun ġiet approvata l-iskeda ta' pagamenti għall-perjodu ta' bejn il-25 ta' Mejju 2025 u 19 ta' Ġunju 2025 li kienet tammonta għall-€306,323.17

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

48.4 Punti maħruġa mill-Minuti tal-Laqgħa Nu. 47

48.4.1 Skema Reġjun Port	Il-President semma li kif maqbul fil-laqgħa preċidenti kull Kunsill kien ser ikollu fond ta' €5,000 li ser ikunu allokati għall-proposti mill-Kunsilli Lokali li isaħħu l-Viżjoni Reġjonali. Il-President semma li kienet ser tintbgħat ċirkulari f' dan ir-rigward.
48.4.2 Fondazzjoni Kottonera	Il-President semma li kien mar huwa stess bil-pagament ta' €100,000 għand il-Fondazzjoni. Dan sabiex ikopri it-tieni pagament relatat tal-Fondazzjoni u l-kitba tal-Bid Book. Semma li kien hemm ukoll konferma mis-Sa. Bugeja li din kienet irċiviethom.
48.4.3 Skema LESA enforcement	Il-President semma li r-Reġjun għadda d-dokumenti kollha lill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali sabiex jagħmlu reconcilation u l-fondi li ma jkunux intużaw jingħataw lura lil LESA.
48.4.5 Kooperattiva Reġjun Port	Il-President semma li wara l-laqgħa li kellu mas-Sur John Mallia rigward il-kooperattivi, ir-reġjun ser ikun qed jiġbor informazzjoni ta' kemm hemm vetturi tal-passiġġieri mħadma mill-Kunsilli Lokali fi ħdan ir-Reġjun.
48.4.6 Integrarti	Il-President irringrazzja lil dawk kollha li attendew ġewwa l-Isla għall-proġett Integrati. Semma li kull Kunsill ser ikun qed igawdi minn dan il-proġett bl-iskop li jsiru partijiet minn dan il-proġett f' kull lokalita'.
48.4.7 Tech Beyond Borders	Il-President semma li ser ikun qed jibda wkoll il-proġett Tech Beyond Borders li għalih il-Kunsill applika ma' Xjenza Malta. Semma li dan ser ikun qed jibda f' Ġunju u jitlesta sa Settembru. L-istess bħal Integrart dan ser ikun qed idur mill-lokalita' għal-oħra bl-iskop li nużaw t-tekonoloġija robotika u anki VR sabiex nedukaw it-tal ta' etajiet, nazzjonalitajiet kif ukoll abbilitajiet differenti fuq il-kultura tar-Reġjun kif ukoll l-indafa pubblika.
48.4.8 Sejħa għal Direttur Artistiku – Reġjun tal-Kultura 2026	Il-President semma li s-ejħa kienet ħarġet u għalqet. Semma li daħlu żewġ applikazzjonijiet u li r-Reġjun ser ikun qed jagħmel l-intervisti ta' dawn iż-żewġ persuni. Il-President semma li wieħed mill-applikanti jista' jkun diġa qed jaħdem fuq proġetti tar-Reġjun. Għaldaqstant fuq proposta tas-Sur Wayne Aquilina approvata unanimament, qablu li persuni li qed jaħdmu fuq il-Bid Book tal-Belt Kulturali Ewropea m' għandhomx ikunu parti minn dan il-Board ta' intervisti minħabba potenzjalment kunflitt ta' interess.

Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur Boxall u bi qbil unanimu qablu li l-Board ikun kompost minn persuni li huma tekniċi. Fosthom issemmew, is-Sur Ray Callejja, Profs. Frank Camilleri kif ukoll Mary Anne Cauchi.
Il-President talab lis-Segretarju tara min hu disponibbli sabiex dawn l-intervisti jsiru mill-aktar fiss possibbli.

48.4.9 Reġjun tal-Kultura 2026

Il-President semma li r-Reġjun ser ikunu qed jibgħat lill-entitajiet governattivi u anki privati sabiex jikkollaboraw mar-reġjun fuq din l-inizjattiva.

48.4.10 Ġbir ta' Skart matul il-Lejl

Il-President semma li b' reazzjoni għal-laqgħa li huwa flimkien ma' Presidenti oħra għandu skedata mad-Diviżjoni għall-Gvern Lokali kif ukoll ma' Transport Malta, ir-Reġjun għadu kemm bagħat fil-Kunsilli Lokali kwestjonarju qasir sabiex inkun imwieġeb mill-Kunsilli Lokali, semma li importanti li tidħol risposta waħda f' isem il-Kunsill sħiħ. Semma wkoll li r-Reġjunu kellu laqgħa fuq is-suġġett wkoll mal-koletturi sabiex anki jidiskutti magħhom dan is-suġġett. Il-President semma li ladarba l-informazzjoni mill-Kunsilli tidħol kollha, ir-Reġjun ser ikun qed jippreżenta rapport.

48.4.11 Kontijiet pendenti ta' ħlasijiet realtati ma' skart mill-Kunsill Lokali tal-Kalkara

Il-President ġibed l-attenzzjoni li l-Kunsill Lokali tal-Kalkara fadallu jagħti madwar tliet xhur ħlasijiet pendenti relatati ma' ġbir ta' skart u rimi.
Is-Sur Wayne Aquilina semma li l-Kunsill Lokali mhuwiex f' pożizzjoni li jħallas dawk il-kontijiet wara li deher biċ-ċar li wara l-ispezzjonijiet li saru mir-Reġjun, il-piżijiet tal-Kunsill tal-Kalkara tnaqsu drastikament.
Il-President semma li hemm madwar €30,000 li għad iridu jitħalsu u li huwa kien ser jinnotifika lid-Dipartiment.

48.5 Approvazzjoni tar-Rapport tal-Intervisti għall-Post Vakant ta' Segretarju Eżekuttiv

48.5.1 Il-President semma li ġurnata qabel saru l-intervisti, ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni mid-Direttur Ġenerali sabiex jagħti l-ismijiet tal-Membri tal-Board tal-Għażla kif ukoll meta ser ikun qed jagħmel l-intervisti u meta ser ikun qed japprova r-rapport. Il-President semma li din l-informazzjoni għaddiet immedjatament kif mitlub. Semma li l-għada, 13 ta' Ġunju saru l-intervisti taż-żewġ kandidati kif kien pjanat u bil-Board tal-Għażla kif kompost mir-Reġjun. Semma li wara li kienu saru l-intervisti, nhar 17 ta' Ġunju, ir-Reġjun irċieva komunikazzjoni oħra mid-Direttur Ġenerali fejn dan wera d-disapprovazzjoni fil-proċess li kien sar peress li Membru wieħed kien Membru indipendenti u mhux Sindku tar-Reġjun.

48.5.2 Il-President elenka lista ta' punti għalfejn ir-Reġjun dejjem ikollu Membru jew iktar indipendenti. Speċjalment minħabba trasparenza fil-proċess, professjonalita' fit-tip ta' mistoqsijiet li jiġu mistoqsija kif ukoll b' dover ta' governanza tajba. Diversi Sindki irrimarkaw li huma mhumiex

komdi jkunu parti minn dawn l-intervisti speċjalment jekk wieħed mill-applikanti huwa Segretarju Eżekuttiv f' wieħed mill-Kunsilli Lokali tar-Reġjun.

48.5.3 Dawk preżenti kollha rrimarkaw li huma ma jaraw xejn ħażin li l-Board tal-Għażla jkun kompost minn membri indipendrnti u saħansitra din hija prattikata anki fuq livell ta' Kunsill Lokali fejn il-Membri indipendenti jkunu jistgħu jigwidaw professjonalment lill-Kunsill fl-għażla tal-ħaddiema speċjalment meta jkun il-grad ta' Segretarju Eżekuttiv li dan irrid ikun il-Kap amministrattiv u finanzjarju.

48.5.4 Dawk preżenti iddiskutew ukoll li huma ma jqisux lis-Segretarju Eżekuttiv bħala "position of trust" huma fakkru li s-Segretarju Eżekuttiv mhuwiex is-Segretarju tas-Sindku imma l-Kap Amministrattiv u Finanzjarju tal-Kunsill.

48.5.5 Dawk preżenti talbu lis-Segreatrju Eżekuttiv sabiex tinforma lid-Direttur Ġenerali liema parti mill-liġi qed tiġi miksura dan b' reazzjoni għall-komunikazzjoni oħra li kien bagħat id-Direttur Ġenerali li din il-materja mhijiex għad-diskussjoni daqskemm hijiex għad-diskussjoni jekk niksrux il-liġi. Il-President u s-Sindki preżenti ma jaqblux ma' dan il-kumment u xtaqu spjega kif ukoll jitolbu lid-Direttur Ġenerali sabiex ikunu jistgħu jiddiskutuha miegħu.

48.5.6 Fuq proposta tal-President issekondata mis-Sur John Boxall u bi qbil unanimu, ir-Reġjun qabel li jisosspendi din il-materja minn din il-laqgħa u tkun diskussa f' laqgħa b' urġenza li għandha tissejjaħ il-Ħamis, 19 ta' Ġunju 2025 fil-16:45. Dawk preżenti esiġew li din għandha tiġi diskussa fil-preżenza tal-kumplament tas-Sindki sabiex tittieħed deċiżjoni fuq il-proċess tal-għażla għall-post vakant ta' Segretarju Eżekuttiv.

48.6 Komunikazzjoni

48.6.1 Il-President innotifika li r-Reġjun kien irċieva kommunikazzjoni rigward it-Triq li ser tinfetaħ bejn il-Kalkara u Ħaż-Żabbar. Semma li dan ir-resident talab lir-Reġjun jissottometti l-oġezzjonijiet tiegħu għal dan l-iżvilupp. Is-Sur Wayne Aquilina semma li dik it-triq hija parti mill-manifest Nazzjonali u ijlha sa mis-sena 2008. Semma li l-proposta oriġinali kienet ser tieħu ħafna art agrikola li issa dik il-proposta ġiet emendata. Semma li bil-pjanti emendati tnaqqas sew l-impatt negattiv fuq l-art agrikola. Semma li apparti minn hekk bl-iżvilupp li ser ikun għaddej fil-qasam ta' Smart City huwa imperattiv li jkun hemm aċċess alternattiv minn u lejn il-Kalkara. Kien hemm qbil li r-Reġjun ma jissottometti l-ebda risposti peress kemm il-Kunsill tal-Kalkara kif ukoll il-Kunsill ta' Ħaż-Żababr kienu diġa għamlu l-pożizzjonijiet rispettivi tagħhom.

Port
Regional
Council
Kunsill Reġjonali Port

48.7 Aġġornament

48.7.1 Il-Laqgħa ġiet fi tmiemha fit-19:00, il-Membri qablu li għandhom jaġġornaw u jerġgħu jiltaqgħu b' urġenza nhar il-Ħamis, 19 ta' Ġunju fil-16:45 fl-Uffiċju tar-Reġjun.

Chev Paul Farrugia

President Reġjun Xlokk

Lianne Cassar

Aġent Deputat Segretarju Eżekuttiv